MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Numru. 529/2002

Il-Pulizija
(Sup Neville Xuereb)
vs
Ferhat Guellouma, iben Boudzaya, imwieled l-Alġerija fis-16 ta' Novembru, 1951, karta ta' l-identita numru 23712A
u
Mohammed Ibrahim Gohar, iben Ibrahim, imwieled Zeytouni fis-26 ta' Frar, 1961

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati:
1. talli fil-lejl ta' bejn it-28 u id-d29 ta' Ġunju, 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'diversi postijiet f'Malta, bi ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew

barra minn Malta ikkonġuraw f'dak is-sens ma xi persuni oħra;
2. talli fil-jiem ta' qabel id-29 ta' Ġunju, 2002 f'diversi postijiet f'Malta assoċjaw ruħhom flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' April, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet fil-konfront ta' l-imputati kollha taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikolu 337A tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 48A u 337A tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' April, 2003 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti u in-noti ta' sottomissjonijiet.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok għandu jiġi rilevat li dan il-proċess inħaraq fin-nirien li ħakmu l-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2004 u f'dan il-każ partikolari r-rikostruzzjoni ta' dan il-proċess kien diffiċli u ma ġiex rikostruit fl-intier tiegħu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-lejl ta'bejn it-28 u id-29 ta' Ġunju, 2002 il-pulizija arrestaw seba' persuni ta' diversi nazzjonalita' fl-inħawi tat-telgħa magħrufa bl-isem 'Ta' Alla u Ommu', fil-limiti tal-Mosta. F'dawn l-inħawi jinsab diversi garages li jjintużaw għal skopijiet differenti. Dawn in-nies kienu qegħdin fit-triq jistennew. Meta l-pulizija waslu fuq il-post uħud minnhom pruvaw jaħarbu iżda għal xejn billi dawn in-nies ġew kollha arrestati.

Illi dawn il-persuni allegaw mal-pulizija, ħlief b'eċċezzjoni ta' koppja marokkina, li huma kienu ħallsu xi flus lill-persuni oħra biex dawn iwassluhom sal-Italja.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ċertu Ramsi Uni, ta' nazzjonalita' tunezina, kien ġie Malta biex min hawn jitlaq lejn l-Italja. Hu xehed li hu kien għaraf lill-imputat Ferhat Guellouma bħala l-persuna li kien tah l-informazzjoni biex hu ikun jista' jitlaq minn Malta. Fil-fatt hu kien għaraf din il-persuna mir-ritratti, f'identification parade, kif ukoll waqt is-smiegħ ta' din il-kawża. Hu xehed li kien ħallas is-somma ta' sitt mitt dollaru amerikan ($600) u ħamsin euro (€50) lill-imputat Mohamed Ibrahim Gohar. Ix-xhud qal li mar għand Gohar fid-dar tiegħu Buġibba u kien meħud hemm minn Mahmoud Abdalla Farag. Dawn iż-żewġ imputati ġew identifikati mix-xhud mir-ritratti, fl-identification parade, kif ukoll il-Qorti.

Illi essenzjalment il-prosekuzzjoni qed isserraħ il-każ tagħha fuq ix-xhieda ta' din il-persuna. Min-noti ta' sottomissjonijiet eżebiti saret enfazi li dan ix-xhud biddel il-versjoni tiegħu fil-kors ta' dawn il-proċeduri, u cioe' mill-istqarrija tiegħu sakemm xehed quddiem din il-Qorti. Fil-feham ta' din il-Qorti dan ix-xhud hu konsistenti fil-partijiet fejn kienu nvoluti dawn l-imputati u din il-Qorti hi sodisfatta bix-xhieda tiegħu.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-akkużi mressqa mill-prosekuzzjoni ġew pruvati mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 48A u 337A tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------